# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018**

**Rikors Numru : 635/2017/LSO**

**Georgina Grima ID 310638(M), Doreen Grima ID 213265 (M) u Joseph Grima ID 454224 (M)**

**vs**

**Knightsbridge Development Limited C-41829**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjea' Knightsbridge Development Limited datat 14 ta’ Lulju 2017 fejn esponiet: -

Illi r-rikorrent Philip Grima ottjena l-hrug ta' mandat kawtelatorju fl-ismijiet fuq precitati fil-konfront tas-socjeta' Knightsbridge Development Limited.

Illi s-socjeta' esponenti qieghda, ghar-ragunijiet hawnhekk elenkati, tissottometti illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju msemmi ghandu jigi revokat *ai termini* tal-artikolu 836(1)(c),(d)u(f).

Illi dan il-mandat qieghed jigi intavolat ben tmien snin wara li s-sekwestratarju kien intavola rikors guramentat fil-konfront tas-socjeta' Knightsbridge Developments Limited bil-pretensjonijiet tieghu, liema pretensonijiet qeghdin jigu trattati minn din l-Onorabbli Qorti (rikors guramentat numru 206/09 MH).

Illi huwa minn ewl id-dinja li c-cirkostanzi finanzjarji u patrimonjali tas-socjeta' sekwestrata ma tbiddlux, jew ahjar, ma pperggjorawx minn disa' snin ilu 'l hawn, u kwindi ma kien hemm ebda htiega jew urgenza sabiex l-istess Philip Grima jottjeni l-hrug ta' mandat kawtelatorju f’ dan l-istadju.

Illi fil-fatt s-socjeta' sekwestrata zviluppat u hija l-propjetarja ta' bosta appartamenti fi blokk ta' bini adjacent ghas-sit ta' l-istess Philip Grima u kwindi hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestatorji jew inkella

dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassikura bizzejjed il-pretensjoni.

Illi fit-tieni lok l-ammont mitlub mhux *prima facia* gustifikat u huwa eccessiv.

Illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex taghmel l-ezami li jrid isir fil-kawza *per se*, imma ghandha biss tara jekk fuq livell *prima facia* jistax jirrizulta illi l-ammont pretiz fil-mandat mhux gustifikat jew huwa eccessiv, is-socjeta' sekwestrata mhux ser tidhol fl-aspetti l-ohra tas-somma kif ikkontestat fl-atti tal-kawza.

Illi ghall-istess ragunijiet jissusistu wkoll l-element tal-artikolu 836 (f) tal-Kap 12, ossia illi l-mandat mhux *prima facia* gustifikat ghax l-ammont huwa eccessiv u *in ogni caso* mhux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh.

Illi inoltre Philip Grima ma talabx, fi zmien hmistax-il jum qabel ottjena l-hrug tal-mandat *de quo*, lis-socjeta' sekwestrata biex thallas id-dejn, jew sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed u dan bi ksur tal-artikolu 836 (8)(b) tal-Kap 12.

Illi *di piu'* c-cirkostanzi tas-socjeta' sekwestrata huma tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju raggjonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tas-sekwestrant u din il-qaghda tas-sekwestrant hija maghrufa sew u dan bi ksur tal-artikolu 836 (8)(b)(c).

Illi *di piu'* Philip Grima ottjena l-hrug tal-mandat *de quo* b'malizja u b'mod frivolu u vessatorju u dan bi ksur tal-artikolu 836 (8)(b)(d).

Ghaldaqstant is-socejta' sekwestrata Knightsbridge Developments Limited umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna:-

1. Ir-revoka ta' l-imsemmi mandat ta' sekwestru numru 944/17 u dan *ai termini* tal-artikolu 836 (1)(c)(d) u (f) tal-Kap 12 hawn fuq citati, *in toto* a bazi ta' dak dawn fuq dikjarat u sollevat.

2. Li Philip Grima jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' sekwestrata *in linea* ta' penali dik is-somma li tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti fl-ammont ta' mhux inqas minn elf, mija u erba' u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69c) u mhux aktar minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezimu (€6,988.12c) u dan *ai termini* tal-artikolu 836 (8) tal-Kap 12.

3. Tordna lil Philip Grima sabiex jaghti, fi zmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa ghal hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u mghax u fin-nuqqas jitnehha l-att kawtelatorju *ai termini* ta' l-artikolu 838A tal-Kap 12.

4. Bl-ispejjez kontra Philip Grima.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta’ Lulju 2017.

Rat ir-risposta ta’ Georgina Grima [320638M], Doreen Grima [213265M], u Joseph Grima [714462M] datata 25 ta’ Lulju 2017 (fol 6) fejn esponew :

Illi l-esponenti inghata informalment, kopja tar-rikors suespost nhar it-18 ta' Lulju 2017 fejn qed jintalab ir-revoka ta' Mandat.

L-esponenti qieghed jopponi ghat-talba tas-socjeta` Knightsbridge Development Limited [C 41829] ghar-revoka ta' mandat ghar-ragunijiet hawn dedotti.

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva li filwaqt li huwa minnu li nhargu zewg mandati kawtelatorji: u cioe` ta' sekwestru u ta' inibizzjoni dawn inhargu ghaliex l-esponenti ma kienux f’pozizzjoni li jkunu jafu l-qaghda finanzjarja tas-socjeta` Knightsbridge Developments Limited u xi djun u ipoteki setghu jkun hemm fil-fond kolpit mill-mandat t'inibizzjoni;

2. Ghandu jinghad li fit-trattazzjoni tal-Mandat t'inibizzjoni nhar l-20 ta' Lulju 2017 is-socjeta` Knightsbridge Developments Limited offriet li tipprovdi garanzija ipotekarja utli biex taghmel tajjeb ghal kreditu kawtelat bil-mandati in kwistjoni **liema offerta hija accettabli ghall-esponenti purke l-proprjeta` hija verament tajba sabiex taghmel tajjeb ghal kreditu kawtelat.**

3. Il-mandat odjern ghalhekk ikun jista' jitnehha wkoll mal-mandat t'inibizzjoni meta jinghata kawtela kif fuq premess.

4. Illi fit-tieni lok ghandu jigi sottolinejat li l-mandat ma nharigx fuq talba tal-mibki Philip Grima. Il-mandat in kwistjoni intalab minn Georgina Grima, Doreen Grima u Joseph Grima u ghalhekk it-tieni u t-tielet talba tas-socjeta` Knightsbridge ma jistghux jintlaqghu inkwantu huma mitluba kontra persuna li gie nieqes diversi snin ilu u li lanqas biss jirraffigura fil-mandat in kwistjoni.

Tant ghall-abbli konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 27 ta' Lulju 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti l-partijiet. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru: 944/17, kif ukoll il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 943/2017/LSO. Dr Gavin Gulia talab korrezzjoni tar-rikors fis-sens li l-kliem "jew in parte" jigu mhassra. Dr Refalo rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mehtiega. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Gavin Gulia, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Gulia esebixxa Dok KD 1. *In visto* ta' dak dikjarat mid-difensuri tal-intimati odjerni, it-trattazzjoni giet sospiza sabiex il-partijiet jippruvaw jaslu ghal ftehim. F'kaz li dan ma jsehhx ir-rikorrent odjern ikollu l-opportunita` jaghmel nota ta' sottomissjonijiet filwaqt li l-intimati odjerni jkunu jistghu jwiegbu b'sottmissjonijiet bil-

miktub fi zmien ghoxrin (20) jum min-notifika lilhom bl-istess nota. Id-difensuri qablu li l-Qorti ghandha f'dan il-kaz tghaddi ghal digriet kamerali. Ir-rikors gie differit biex jinghata digriet kamerali wara li jigu prezentati n-noti.

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fit-2 ta' Marzu 2018 fejn il-Qorti ordnat lill-partijiet sabiex b' nota fi zmien gimgha minn din id-data jiddikjaraw x' interess fadlilhom f' dawn il-proceduri.

**Il-Qorti,**

Rat in-nota ta' Dr Gavin Gulia ghan-nom tas-socjeta' ezekutata fejn talab li din il-Qorti tghaddi ghall-provvediment fuq ir-rikors taghha tal-14 ta' Lulju 2017;

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2017 gie verbalizzat li l-partijiet kienu ser jittentaw li jittransigu r-rikors u konsegwentement il-Qorti ssospendiet it-trattazjoni;

Illi skont l-istess verbal f'kaz li l-partijiet ma jaslux ghall-ftehim kellhom jinghataw il-fakolta` li jipprezentaw sottomissjonijiet bil-miktub;

Ghaldaqstant awtorizzat lir-rikorrenti ezekutata biex tipprezenta n-nota taghha fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dan id-digriet u l-intimati ezekutanti jkollhom ghaxart (10) ijiem min-notifika tan-nota imsemmija biex iwiegbu.

Halliet r-rikors ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan hu rikors ghar-revoka ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 944/17 li nhareg fuq talba ta' Georgina Grima u ohrajn biex jikkawtela l-pretensjonijiet taghhom kontra s-socjeta' ezekutata, li qed tipprocedi bir-rikors odjern.

Ikkunsidrat, li r-rikorrenti qed titlob it-thassir tal-mandat ta’ sekwestru a tenur tal-**artikolu 836(1)(c) (d) u (f) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta billi jissottomettu li t-talba ghall-hrug tal-mandat saret ben tmien snin wara li l-ezekutanti kienu fethu l-kawza. Is-socjeta' ezekutata tghid li ma kienx hemm htiega jew urgenza ghall-hrug tal-mandat billi s-sitwazzjoni finanzjarja taghha ma ppeggoratx tul is-snin u, anzi, hija sid ta' blokk ta' appartamenti li toffri garanzija xierqa sabiex il-pretensjonijiet tal-atturi fil-kawza jigu kkawtelati.

Inoltre tallega li l-ammont ikkawtelat fil-mandat mhuwiex gustifikat jew huwa eccessiv u, per konsegwenza, lanqas hu gustifikabbli l-mandat jinzamm fis-sehh.

B'zieda mat-talbiet, qed jintalab ukoll li jigi impost penali fit-termini tal-artikolu 836(8)(b), (c) u (d) tal-Kap 12 jew jigi ordnat joffri garanzija *ai termini* tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif jirrizulta mill-mandat ta' sekwestru, il-hrug tal-mandat intalab minn Georgina Grima, Doreen Grima, u Joseph Grima bhala werrieta ta' Philip Grima, ghall-ammont ta' €374,499 in kawtela ta' "*Danni kif dedotti fil-kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'Philip Grima v Knightsbridge Developments (Cit Nru 206/09 MH) u dan kif kalkolati mill-Perit Mario Cassar nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan u dan bla pregudizzju ghal kwalsiasi likwidazzjoni finali li jista' jsir u ghat-talba tar-rikorrenti li jitnehha l-invazjoni tal-proprjeta' u tigi reintegrata fil-pussess taghhom."*

Illi l-ezekutati opponew ghat-talba u rribadew li ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni oltre l-mandat ta' sekwestru premess billi ma kienux f'posizzjoni li jkunu jafu s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta` ezekutata .Urew li huma disposti li jaccettaw garanzija ipotekarja purke l-proprjeta` hija idonea biex taghmel tajjeb ghall-kreditu kawtelat u jitnehhew iz-zewg mandati.

Bhala punt procedurali eccipew li t-talbiet tar-rikorrent, in kwantu diretti kontra Philip Grima ma jistghux jintlaqghu billi Philip Grima kien ilu gja mejjet ghal bosta snin.

Illi qabel ma tittratta l-mertu tar-rikors jigi senjalat li fis-27 ta' Lulju 2017 il-partijiet ivverbalizzaw li kienu ser jipprovaw jittransigu il-pendenzi bejniethom u f'kaz li dan ma jsehhx ir-rikorrent odjern kellu jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. Din il-Qorti stiednet lill-partijiet biex jiddikjaraw il-posizzjoni taghhom b'digriet tat-2 ta' Marzu 2018 u r-rikorrent b'nota

tat-12 ta' Marzu 2018 iddikjara li din il-Qorti ghandha tipprocedi ghad-digriet finali.

B'digriet tal-20 ta' Marzu 2017 din il-Qorti tat lill-partijiet 10 ijiem kull wiehed biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet skont il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2018.

Madanakollu baqghu ma pprezentaw l-ebda nota.

**Dritt:**

Illi r-rikorrenti qed jinvokaw l-artikoli **836(1)(c)(d) u (f) tal-Kap 12** li jiddisponu li mandat jista' jigi revokat:

*"**836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(c) jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug tal-att kawtelatorju iehor jew inkella dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*.....*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**).

Illi ghalhekk isegwi li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. (GMA) 23 ta' Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et**"). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

**Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikoli citati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.**

**Art. 836(1)(c)**

F'dan il-kuntest, jinghad li sabiex il-Qorti tasal ghat-thassir ta' mandat skont l**-artikolu 836(1) (c)** tal-Kap 12, din il-Qorti trid tkun sodisfatta li hemm garanzija ohra li tista' tassigura l-pretensjoni dovuta (ara **Mabrouk Limited vs Joseph Ciantar**, P.A. (JZM) deciza fl-10 ta' Jannar 2013).

Illi l-frazi "*garanzija xierqa ohra*" kienet imfissra minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-provvediment fl-ismijiet **Helen Camilleri vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Luigi Camilleri** (25.04. 2014 JRM): -

*"Illi biex jista' jinghad li tezisti garanzija xierqa ohra li taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' min talab il-hrug tal-Mandat ghall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kodici, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi hdan li stess persuna ezekutata, u dan, generalment, minn stharrig tal-gid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor". .......*

*Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternattiva, l-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-intimat ezekutant jaqa' biss fuq il-parti ezekutata rikorrenti. <u>Fuq kollox, tali garanzija trid tkun wahda soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant</u>; (emfasi mizjuda)."*

Illi, jispetta lis-socjeta' ezekutata illi ggib il-prova li l-istess proprjeta' immobbli toffri garanzija xierqa li tista' tissodisfa l-pretensjonijiet tal-esponent *nomine*.

Illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti m'ghandhiex tillimita l-istharrig taghha ghall-valutazzjoni tal-proprjeta', anke jekk assodata b'stimi peritali bhal ma hu l-kaz odjern, imma anke l-*creditworthiness* tad-debitur, specjalment ghal dak li jikkoncerna krediti privileggati jew ipotekarji fuq l-istess proprjeta', li jistghu jqieghdu lill-kreditur ezekutant fil-periklu illi ma jirkuprax il-kreditu tieghu fl-eventwalita' illi dan il-kreditu jigi kanonizzat b'sentenza definittiva.

Illi s-socjeta' rikorrenti esebiet ricerki mahruga minn Identity Malta dwar ir-registrazzjonijiet ta' trasferimenti ta' proprjeta' (2007-2017) u iskrizzjonijiet ipotekarji (1987-2017) aggornat sal-25 ta' Lulju 2017 li juru li s-socjeta' ezekutata akkwistat art sitwat f'San Pawl il-Bahar tal-kejl ta' circa 750.84 ghall-prezz komplessiv ta' Lm1.1 miljun. Jirrizulta li kien hemm mandat ta' inibizzjoni registrat kontra s-socjeta' minn terzi fil-valur ta' €100,00. Ma jirrizultax li hemm privileggi u/jew ipoteki iskritti kontra s-socjeta' ezekutata.

Illi fit-trattazzjoni r-rikorrent odjern iddikkjara li l-kawza li tirrigwarda l-mandat ta' inibizzjoni tat-terz hija pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Hu allega li l-valur tal-blokk ta' bini proprjeta' tieghu jisboq il-€1.5 miljun u li kien lest li joffri zewg proprjetajiet mill-blokk.

Illi id-difensur tas-socjeta' intimata ssottometta li l-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet premessi huwa milqugh u

joffri lill-ezekutanti garanzija idonea u ghalhekk ma hemmx lok biex dan il-mandat jibqa' fis-sehh.

Ikkonsidrat li l-art proprjeta' tas-socjeta` rikorrenti inxtrat bil-prezz fuq is-suq ta' €1.1 miljun fis-sena 2007 u minn dak iz-zmien inbnew appartamenti fuqu. Illi ghalkemm ma gietx esebita stima peritali, l-valutazzjoni moghtija mir-rikorrenti ta' €1.5 miljun hija verosimili tenut kont l-akkwist tal-art. Inoltre jirrizulta mir-ricerki esebiti li ma gewx ikkontestati, li hemm biss Mandat ta' Inibizzjoni iehor fuq l-art u l-bini mahrug minn terz li ghandu pretensjoni li ma teccedix €100,000. Gie rilevat li Bernard Baldacchino, it-terz kreditu, gie kanonizzat b'sentenza kontra s-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' inqas minn €50,000 izda din is-sentenza ghadha ma ghaddietx in gudikat peress li l-proceduri fl-appell li ghadhom pendenti.

Illi aparti din l-iskrizzjoni favur Bernard Baldacchino, ma jirrizultax mir-ricerki li l-art hija ggravata b'iskrizzjonijiet ohrajn oltre r-registrazzjoni tal-Mandat ta' Inibizzjoni 443/17 favur l-istess intimati ezekutanti.

Illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrenti li l-ammont pretiz mill-ezekutanti hija ben kawtelata bil-mandat ta' inibizzjoni imsemmi u ghalhekk issib li l-kawzali enuncjat bl-artiikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 gie soddisfatt.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fir-ragunijiet l-ohra issollevati ghar-revoka tal-mandat billi ser tghaddi biex tilqa' t-talba u tordna r-revoka abbazi tas-subartikolu imsemmi. Ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba b'konnessjoni mal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12.

**Penali - Artikolu 836(8)((b)(c)(d) tal-Kap 12.**

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet, dawn saru fil-konfront ta' Philip Grima li mhuwiex is-sekwestratarju f'dawn l-atti. Is-sekwestranti talbu l-hrug tal-mandat fil-kwalita' taghhom bhala werrieta tieghu. Huwa car li Philip Grima ma jistax ikun ikkundannat f'dawn il-proceduri u li dawn it-talbiet kif hekk maghmula huma irritwali ghaliex ma jistghux jigu pprezentati atti guridici kontra persuna mejta.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet.

**Dwar il-kap tal-ispejjez, ma jirrizultax li r-ricerki gew ipprezentati lill-ezekutanti qabel ma gie pprezentat ir-rikors odjern u ghalhekk din il-Qorti, fic-cirkostanzi ser tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati u tilqa' l-ewwel talba u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 944/17 fl-ismijiet premessi abbazi tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghar ragunijiet spjegati, tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Mejju 2018**